ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**<u>Minuti tat-53 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**
**<u>li saret nhar l-Erbgħa, 16 t' April, 2014</u>**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Fin-nuqqas taċ-*Chairperson*, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Simon Vella kienu skużati.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-52 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Bartolo rrefera għax-xogħol ta' marki u sinjali tat-traffiku u talab li titwaħħal il-mera l-ġdida fi Triq San Leonardu.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Ma kienx hemm korrispondenza.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, l-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma 2014 – 2016.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Bartolo talab li tiġi rranġata ħofra li hemm fi Triq il-Ġdida fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-54 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2014.

Norman Clews
Viċi-*Chairperson*